MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru 785/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**MARTHESE MICALLEF**
**YANIKA MICALLEF**
**ROXANNE GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marthese Micallef ta’ 40 il-sena mwieleda il-Pieta’ nhar it-13 ta’ Mejju 1968, bint Joseph Borg u Melita nee’ Camilleri u residenti No. 15, Triq is-Salib Imqaddes, B’kara, detentrici tal-karta ta’ l-identita Nru. 0213968(M)

U

Yanika Micallef ta' 17 il-sena, mwielda il-Pieta' nhar il-14 ta' Settembru 1990, bint Marco Micallef u Maria Theresa nee' Borg u residenti No. 15, Triq is-Salib Imqaddes, B'kara, detentrici tal-karta ta' l-identita Nru.0449890(M)

U

Roxanne Grech ta' 18 il-sena, mwielda il-Pieta' nhar it- 23 ta' Lulju 1990, bint Francis Grech u Rita nee' Dalli u residenti Flt. 7, Triq L-Isqof F.S. Caruana, Msida, detentrici tal-karta ta' l-identita Nru.352090(M)

Billi gew akkuzati talli nhar it-30 ta' Gunju 2008 ghall-habta ta' 20.15hrs, gewwa Triq Bwieraq, B'kara, volontarjament hebbew ghall- Monique Antoinette Cassar minn B'kara u ikkagunawlha feriti ta' natura hafifa u dan skond kif iccertifikat Dr. Tracey Lee' Azzopardi MD Reg 3072 ta' l-Isptar Mater Dei u Dr. Anton Bugeja MD Reg 2466, tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa B'kara hebbew ghall- Monique Antoinette Cassar sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmluha l-hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa B'kara volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu that disposizzjonijiet ohra ta' din il-kodici jew ta' ligi ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Monique Antoinette Cassar jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obligazzjoni taghhom nnfushom taht penali ta' soma ta' flus li tigi iffissata mill-qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok NS7 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum Monique Antoinette Cassar xehdet is-segwenti: "Nghid illi jiena qeghda nahfer lil imputati dwar l-akkadut u qeghda niddikjara ukoll li qeghda nirrinunzja ghal azzjoni Kriminali fil-konfront tal-imputati kull fejn huwa rinunzjabbli."

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, inter alia, iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza u r-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imputati kollha.

Semghet trattazzjoni.

Rigward l-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputati kollha l-Qorti tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja da parti ta' Monique Antoinette Cassar u dan fil-konfront tal-imputati kollha.

Rigward it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza u r-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, il-Qorti tiddikjara li dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Prosekuzzjoni u dan fil-konfront tal-imputati kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------